**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 58/2002

Il-Pulizija
(Spettur N. Aquilina)
(Spettur S. Gatt)

Vs

Noel Frendo
U
Omissis

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ma' persuna ohra f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Novembru 1998 u fl-ahhar tlett xhur qabel dik id-data :

1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li pprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta awtorizzat li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga istabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eslussiv tieghu;

3) Omissis;

4) kif ukoll talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Gunju, 1997.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Marzu, 2002, li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu limitatament ghad-droga eroina. Ma sabitux hati tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu mill-istess akkuza. Rat l-Artikoli 9, 10, 11 u 22 (1)(a)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292 ta' l-1939 u kkundannatu ghal piena ta' sena prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (LM500). Il-perjodu tal-arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn tali piena. Inoltre ordnat il-konfiska tal-flus u l-oggetti l-ohra esebiti fl-atti ta' din il-kawza favur il-Gvern ta' Malta w d-distruzzjoni tad-droga esebita.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-14 ta' Marzu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma l-piena inflitta limitatament f'dawn l-akkuzi fejn instabet htija fil-konfront tieghu.

Illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :- Illi ladarba dan hu kaz ta' "sharing" il-Qrati taghna f'gurisprudenza kostanti dejjem qed japplikaw il-minimu tal-piena stabilita, ossia sitt xhur prigunerija ; li hemm differenza fit-trattament li inghatat Suzette Farrugia li giet akkuzata biss b'pussess semplici meta l-involviment taghha kien identiku ghal dak tal-akkuzat kif ukoll fil-piena li inghat lilha u lill-appellant .

Ezaminat l-atti kollha processwali inkluza il-fedina penali tal-appellant ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-prosekutur ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti wara li sabet lill-appellant hati li forna jew ipprokura d-droga eroina u li kellu fil-pussess tieghu l-istess droga f'cirkostanzi tali li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu .

Illi din il-Qorti tirritjeni li f'materia ta' piena normalment ma tindahalx fi u ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti li tkun semghet u ivvalutat il-provi traskritti u tkun ghamlet l-apprezzament taghha dwar il-grad ta' htija tal-akkuzat u tal-piena adegwata xierqa skond il-kaz, sakemm tali piena ma tkunx tohrog barra mill-parametri tal-ligi u tkun manifestament sproporzjonata.

Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju li dan hu kaz ta' "sharing", dan mhux sorrett mill-provi ghax skond l-istqarrija tal-appellant stess , hu kien qal li ghalkemm qatt ma biegh droga pero' gieli kienu jigu xi hbieb ghandu u peress li ma jkollhomx droga , hu jaghtihom milli jkollu minghajr flus . Ammetta ukoll li lil Suzette Farrugia hu jatiha d-droga u ta' din id-droga u ma jzommilix flus u li l-ahhar li taha kien xi jumejn qabel ma gie interrogat .

Illi umbaghad paraguni ma trattament li inghata lil Suzette Farrugia ma jistax jagevola l-pozizzjoni tal-appellant. Suzette Farrugia giet akkuzata biss b'pussess u mhux ukoll traffikar u ghalhekk si spjega id-differenza fil-piena li inghat fi process separat . Anki id-differenza fil-piena moghtija lil hu l-appellant Robert Farrugia hija spjegabbli skond il-Prosekuzzjoni mill-fatt li huh seta' ibbenefika mit-tnaqqis fil-piena ikkontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap.101 , billi hu spjega fid-dettall minnghand min kien jixtri id-droga u hekk gie li kko-opera mall-Pulizija. L-istess zgur li ma jistax jintqal fil-konfront tal-appellant .

Illi umbaghad fis-sentenza taghha , minkejja il-kondotta refrattarja tal-appellant, l-ewwel Qorti kwazi irrazentat il-minimu tal-piena ta' sitt xhur preskritt mill-ligi u zgur li kienet ferm il-boghod mill-massimu ta' ghaxar snin prigunerija li l-appellant seta' kien passibbli ghalihom ghar-reati li instab hati taghhom.

Illi l-fedina penali tal-appellant umbaghad xejn ma hi inkoraggjanti u sal-24 ta' Frar, 1999, kien gja instab hati ta' reati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, valur, mezz u hin , garr ta' munizzjon tal-kacca projbita bil-ligi u garr ta' armi tan-nar bla licenzja u pussess ta' armi tan-nar u munizzjon bla licenzja , u reati ohra minuri ,kif ukoll ksur tal-art. 9 tal-Kap.152 . Inoltre fl-4 ta' Gunju, 1997, kien anki wehel sentenza ta' xaharejn habs sospizi ghall-sentejn u cio' nonostante fil-perkors ta' dawn is-sentejn rega' gie akkuzat bir-reat odjern fl-24 ta' Frar, 1999.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti ma tarax li ghandha bi xi mod tvarja il-piena inflitta u ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Joseph G. Galea Debono .
18.9.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur